**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali*

**2015/2349(INI)**

29.9.2016

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

dwar opportunitajiet ġodda għal impriżi żgħar tat-trasport, inklużi mudelli kummerċjali kollaborattivi
(2015/2349(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Elena Gentile

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

A. billi matul dawn l-aħħar snin, l-avvanzi teknoloġiċi, il-mudelli kummerċjali ġodda u d-diġitalizzazzjoni ttrasformaw is-settur tat-trasport b'mod sinifikanti, b'impatti kbar kemm fuq il-mudelli kummerċjali tradizzjonali kif ukoll fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-impjiegi fis-settur; billi filwaqt li, minn naħa waħda, is-settur tat-trasport infetaħ, min-naħa l-oħra, il-kundizzjonijiet tax-xogħol f'ħafna każijiet marru għall-agħar minħabba l-kriżi ekonomika u, f'xi każijiet, minħabba l-implimentazzjoni insuffiċjenti tar-regolamenti eżistenti;

B. billi s-settur tat-trasport jinvolvi mhux biss il-fornituri diretti tas-servizz tat-trasport, iżda anki l-SMEs li joffru servizzi bħalma huma l-manutenzjoni tal-mezzi tat-trasport, il-bejgħ ta' spare parts, it-taħriġ tal-persunal, kif ukoll il-kiri ta' vetturi u tagħmir; billi hemm potenzjal enormi għall-ħolqien tal-impjiegi marbut ma' dawn l-attivitajiet, inkluż impjieg għal ħaddiema bi kwalifiki għolja; billi l-politiki għas-settur tat-trasport għandhom jikkunsidraw l-interess tal-katina tal-valur kollha;

C. billi l-Kummissjoni, fil-Komunikazzjoni tagħha "Aġenda Ewropea għall-ekonomija kollaborattiva" (COM(2016)0356), tinnota li l-arranġamenti flessibbli tax-xogħol fl-ekonomija kollaborattiva joħolqu inċertezza fir-rigward tad-drittijiet u l-livell ta' protezzjoni soċjali applikabbli, u li l-konfini bejn dawk li jaħdmu għal rashom u l-ħaddiema qed isiru dejjem aktar imċajpra;

D. billi 1,7 % biss tal-impriżi tal-UE jagħmlu użu sħiħ mit-teknoloġiji diġitali avvanzati, filwaqt li 41 % ma jużawhom xejn; billi d-diġitalizzazzjoni tas-setturi kollha hija kruċjali sabiex il-kompetittività Ewropea tinżamm u tissaħħaħ;

E. billi l-SMEs għandhom rwol speċjali fil-ħolqien tal-impjiegi fis-settur tat-trasport, b'mod partikolari t-trasport bit-triq, u billi jinsabu f'pożizzjoni aktar dgħajfa minn kumpaniji ikbar f'termini ta' aċċess għall-finanzjament għal investimenti essenzjali, inklużi s-self u l-appoġġ mill-fondi Ewropej;

F. billi l-flessibilità u l-faċilità ta' dħul inerenti fl-ekonomija kollaborattiva jistgħu jipprovdu opportunitajiet ta' impjieg għal gruppi li tradizzjonalment ikunu esklużi mis-suq tax-xogħol, partikolarment in-nisa, iż-żgħażagħ u l-migranti;

G. billi s-sħab soċjali settorjali Ewropej huma mħassba dwar il-kompetizzjoni inġusta fis-swieq tal-mobilità fil-bliet minħabba l-ħolqien ta' pjattaformi ta' "ride-sharing b'kumpens", li sikwit huma assoċjati ma' prattiki tas-suq inġusti bħalma huma l-evitar tal-ħlas ta' taxxi u ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, kif ukoll iċ-ċirkomvenzjoni tal-istandards soċjali u tal-impjieg;

H. billi s-servizzi tat-trasport jistgħu jipprovdu mezz tajjeb biex wieħed jaħdem għal rasu u biex tiġi promossa kultura ta' intraprenditorija;

I. billi, skont sejbiet riċenti, hemm tendenza li r-responsabbiltà għall-ħlasijiet tas-sigurtà

soċjali u għall-benefiċċji tal-impjieg fis-settur tat-trasport tiġi ttrasferita fuq is-sottokuntratturi u x-xufiera li jaħdmu għal rashom; billi hemm il-periklu li x-xufiera li jaħdmu għal rashom ikunu mġiegħla jaħdmu f'kundizzjonijiet prekarji, filwaqt li fl-istess ħin l-impjieg indipendenti fittizju jiżdied[1];

J. billi l-pjattaformi online għas-servizzi tat-trasport jistgħu joffru l-possibbiltà ta' tlaqqigħ rapidu bejn il-ħtiġijiet ta' servizzi tal-klijenti, minn naħa waħda, u l-provvista ta' manodopera minn kumpaniji rreġistrati jew minn ħaddiema, min-naħa l-oħra;

K. billi l-OECD tqis l-impjiegi ta' kwalità għolja bħala fattur ta' importanza essenzjali biex tiġi indirizzata l-inugwaljanza kbira u tiġi promossa l-koeżjoni soċjali[2];

1. Jenfasizza l-ħtieġa ta' ambjent regolatorju u amministrattiv proporzjonat li jinkoraġġixxi l-investiment u l-aċċess għall-finanzi, filwaqt li jiżgura tkabbir sostenibbli u impjiegi deċenti fi ħdan l-impriżi ż-żgħar tat-trasport;

2. Jinnota l-iżvilupp tal-ekonomija kollaborattiva fil-qasam tat-trasport, b'forom ta' xogħol iktar flessibbli; jenfasizza li l-mudelli kummerċjali kollaborattivi fis-settur tat-trasport għandhom jiġu diskussi fil-kuntest ta' dibattitu usa' biex jinħolqu kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusti u trasparenti; jenfasizza l-importanza ta' qafas ġuridiku stabbli għall-isforzi biex jiġi promoss l-iżvilupp tal-ekonomija kollaborattiva;

3. Jinnota li l-għadd ta' ħaddiema part-time, ta' ħaddiema permezz ta' aġenzija u ta' ħaddiema li jaħdmu għal rashom żdied, u li x-xejra ġenerali hija favur kuntratti ta' impjieg aktar flessibbli; jinnota li l-ekonomija kollaborattiva fil-qasam tat-trasport b'hekk toffri opportunitajiet ġodda għan-nies biex jaqilgħu dħul addizzjonali, għall-impjieg taż-żgħażagħ (b'mod partikolari dawk li jkunu qegħdin ifittxu xogħol każwali u forom flessibbli ta' impjieg li jippermettulhom jikkombinaw ix-xogħol mal-istudju), għar-rikonċiljazzjoni aħjar tal-ħajja tax-xogħol u dik privata, u għat-tnaqqis tas-sottoimpjieg u l-qgħad; jirrimarka, madankollu, li, f'ċerti ċirkustanzi, dan l-iżvilupp jista' jwassal ukoll għal sitwazzjonijiet prekarji; jenfasizza li l-impjieg flessibbli jrid jkun kopert bid-dispożizzjonijiet eżistenti dwar is-saħħa u s-sigurtà, kif ukoll b'miżuri ta' protezzjoni soċjali, sabiex jiġu evitati implikazzjonijiet soċjali u finanzjarji fit-tul, u jrid jeskludi riskji potenzjali bħal xogħol eċċessiv għall-ħaddiema u livelli tal-paga li ma jkunux proporzjonati mal-prestazzjoni; jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa tal-flessibilità tas-suq tax-xogħol, minn naħa, u l-ħtieġa ta' sigurtà ekonomika u soċjali għall-ħaddiema, min-naħa l-oħra; jenfasizza li t-tnaqqis tal-ispejjeż m'għandux idgħajjef il-kundizzjonijiet tax-xogħol jew l-istandards tal-impjieg;

4. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex, f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali, jivvalutaw fuq bażi regolari l-impatt tad-diġitalizzazzjoni fuq l-għadd u t-tipi ta' impjiegi fis-settur tat-trasport, u biex jiżguraw li l-politiki soċjali u dwar l-impjieg iżommu l-pass

---

[1] Rapport ikkummissjonat mill-Kummissjoni Ewropea dwar is-Sitwazzjoni tas-Suq tat-Trasport tal-Merkanzija bit-Triq fl-UE (2014), Task A: Collection and Analysis of Data on the Structure of the Road Haulage Sector in the European Union (3 ta' Frar 2014). http://ec.europa.eu/transport/modes/road/studies/doc/2014-02-03-state-of-the-eu-road-haulage-market-task-a-report.pdf.

[2] Preżentazzjoni minn Mark Pearson, Viċi Direttur, Direttorat tal-OECD għall-Impjiegi, ix-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali fis-seduta ta' smigħ tal-Kumitati EMPL u ECON dwar l-inugwaljanzi fil-21 ta' Ġunju 2016; https://polcms.secure.europarl.europa.eu/cmsdata/upmloas/e54ad36f-29cb-4c77-a9c7-2e4e2858fe55/Microsoft%20-%20Inequality%20OECD%Pearson.pdf.

mad-diġitalizzazzjoni tas-suq tax-xogħol tat-trasport;

5. Jinnota li s-settur diġitali jinkludi wkoll is-servizzi professjonali u l-intermedjarji li joffru pjattaformi li jġibu flimkien biss lill-fornituri u lill-utenti; iħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu limiti minimi biex ikunu jistgħu jagħmlu distinzjoni bejn l-attivitajiet ekonomiċi li jinvolvu l-forniment ta' servizzi professjonali u l-attivitajiet bejn il-pari mhux professjonali; jenfasizza li filwaqt li dawk tal-ewwel naturalment għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' tassazzjoni u sigurtà soċjali, l-użu professjonali ta' dawn tal-aħħar għandu jkun regolat ukoll;

6. Jinnota l-opportunitajiet li jipprovdu l-ekonomija kollaborattiva u s-Suq Uniku Diġitali għall-ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir inkluživ fi ħdan l-impriżi ż-żgħar tat-trasport; jenfasizza li l-ekonomija kollaborattiva, bħal kwalunkwe ekonomija oħra, trid tħallas it-taxxa u l-kontribuzzjonijiet soċjali, tikkonforma mal-leġiżlazzjoni dwar l-impjiegi u dik soċjali, u tiżgura l-protezzjoni tal-konsumatur; jemmen li l-potezjal ta' livell għoli ta' trasparenza tal-ekonomija kollaborattiva jippermetti traċċabbiltà tajba tal-operazzjonijiet tas-servizz tat-trasport, b'konformità mal-għan ta' tisħiħ tal-leġiżlazzjoni eżistenti; jistieden lill-Kummissjoni tippubblika linji gwida dwar kif il-liġi tal-UE tapplika għat-tipi differenti ta' mudelli kummerċjali kollaborattivi sabiex, fejn meħtieġ, jingħalqu l-lakuni regolatorji fil-qasam tal-impjieg u s-sigurtà soċjali b'tali mod li jkun jirrispetta l-kompetenzi nazzjonali; jistieden lill-Istati Membri jwettqu spezzjonijiet suffiċjenti u jimponu sanzjonijiet meta r-regoli jinkisru;

7. Jinnota l-ostakoli relattivament żgħar biex wieħed jibda karriera fis-settur tat-trasport u l-potenzjali kbir li s-settur għaldaqstant joffri fil-ġlieda kontra l-qgħad fit-tul;

8. Jenfasizza li l-fornituri kollha tas-servizz tat-trasport, inklużi dawk fl-ekonomija kollaborattiva, jeħtieġ li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet neċessarji dwar is-saħħa u s-sigurtà u għandhom ikunu marbuta bi standards minimi eżistenti tas-sikurezza u tas-sigurtà soċjali, irrispettivament min-negozju tagħhom jew mill-mudelli ta' impjieg tagħhom, u irrispettivament minn jekk ikunux pjattaformi "ride-sharing b'kumpens", xogħol permezz ta' aġenzija jew kwalunkwe mudell ieħor;

9. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw u jinfurzaw bis-sħiħ il-liġijiet u r-regolamenti kollha relatati mal-pjattaformi online tas-servizzi tat-trasport;

10. Jisħaq dwar l-importanza tal-monitoraġġ tal-konformità mar-regoli obbligatorji dwar il-ħinijiet tax-xogħol, u l-ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ, fis-settur tat-trasport; ifakkar li r-Regolament (UE) Nru 165/2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq ma japplikax għal vetturi ta' inqas minn 3.5 tunnellati (vetturi li jġorru merkanzija ħafifa); jenfasizza li, b'konformità ma' dan ir-Regolament, il-monitoraġġ għandu jsir permezz ta' tagħmir ta' monitoraġġ diġitali installat fil-vetturi; jitlob għalhekk tisħiħ tal-kontrolli fuq il-ħinijiet tax-xogħol u tal-mistrieħ; ifakkar li l-kompiti kollha relatati mal-attività ta' impjegat għandhom jitqiesu bħala ħin tax-xogħol; jenfasizza, bl-istess mod, l-importanza tal-monitoraġġ tal-konformità mal-leġiżlazzjoni Ewropea u dik nazzjonali fir-rigward tal-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, inklużi l-kundizzjonijiet tax-xogħol fil-vetturi, għall-persuni kollha involuti fis-settur tat-trasport, irrispettivament minn jekk l-istatus ta' impjieg tagħhom ikunx ta' persuni li jaħdmu għal rashom, subkuntratturi, membri tal-persunal temporanju jew ħaddiema b'kuntratt;

11. Jilqa' r-rwol importanti tat-trejdjunjins, li f'ħafna Stati Membri jaħdmu flimkien mal-fornituri tas-servizz tat-trasport fi sforz biex jagħmlu t-trasformazzjoni tas-settur tas-servizzi tat-trasport soċjalment sostenibbli; jenfasizza l-importanza ta' sħab soċjali b'saħħithom u indipendenti fis-settur tat-trasport, ta' djalogu soċjali istituzzjonalizzat fil-livell Ewropew u f'dak nazzjonali, u tal-parteċipazzjoni tal-impjegati fil-kwistjonijiet tal-kumpanija; iħeġġeġ lis-sħab soċjali jinnegozjaw ftehimiet kollettivi għas-servizzi kollha tat-trasport b'konformità mal-liġijiet u l-prattiki nazzjonali, peress li tali ftehimiet huma strument effettiv biex jiġi żgurat li jkun hemm standards soċjali u tax-xogħol deċenti; jinkoraġġixxi lill-SMEs fis-settur jistabbilixxu assoċjazzjonijiet jew pjattaformi li jappoġġjawhom f'dan ir-rigward u li jżommuhom infurmati;

12. Jieħu nota tad-diskussjonijiet li għaddejjin rigward l-introduzzjoni, minn ċerti Stati Membri, ta' pagi minimi għan-negozji tat-trasport li joperaw fit-territorju tagħhom; jinnota li l-President tal-Kummissjoni Juncker iddikjara fid-diskors ta' ftuħ tiegħu quddiem il-Parlament li "fl-Unjoni tagħna, l-istess xogħol fl-istess post għandu jitħallas bl-istess mod"[1];

13. Jirrakkomanda li kemm in-negozji tal-ekonomija kollaborattiva, kif ukoll il-persuni li jaħdmu fis-settur tat-trasport, isibu mudelli sabiex jaħdmu flimkien fl-insegwiment tal-interessi komuni, bħal fil-qasam tal-assigurazzjoni;

14. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw kompetizzjoni ġusta, kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u protezzjoni soċjali għall-ħaddiema kollha tat-trasport sabiex jitnaqqas l-impjieg prekarju f'settur li għaddej minn tranżizzjoni, u jsaħħu l-infurzar tal-ftehimiet kollettivi u r-regoli eżistenti; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiġġieldu l-prattiki antikompetittivi fis-settur tat-trasport u jagħmlu skambju tal-aħjar prattiki f'dan ir-rigward; jistieden, b'mod partikolari, lill-Istati Membri u lis-sħab soċjali jinvolvu ruħhom fil-Pjattaforma kontra x-Xogħol Mhux Iddikjarat; jemmen li l-ekonomija kollaborattiva, permezz tat-tranżazzjonijiet elettroniċi rreġistrati, tista' tgħin lill-Istati Membri jiġġieldu prattiki li jistgħu jwasslu għal kompetizzjoni inġusta;

15. Ifakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddefinixxiet il-kunċett ta' "ħaddiem" abbażi ta' relazzjoni tax-xogħol karatterizzata minn ċerti kriterji, bħalma huma s-subordinazzjoni, ir-remunerazzjoni u n-natura tax-xogħol; jilqa', f'dan ir-rigward, il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar aġenda Ewropea għall-ekonomija kollaborattiva; jitlob li jsiru aktar sforzi biex jiġi indirizzat l-impjieg indipendenti fittizju, biex jitħarsu l-ħaddiema u biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi għan-negozji fis-settur tat-trasport;

16. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiggarantixxu lill-ħaddiema kollha fis-settur tat-trasport kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti, inkluż il-livell meħtieġ ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, irrispettivament mid-daqs u t-tip ta' kumpanija li timpjegahom, il-post tax-xogħol jew il-kuntratt sottostanti; jenfasizza l-importanza tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, b'mod partikolari fid-dawl tat-tibdil

---

[1] "A New Start for Europe: My Agenda for Jobs, Growth, Fairness and Democratic Change – Political Guidelines for the next European Commission; Opening Statement in the European Parliament Plenary Session Strasbourg, 15 July 2015; Jean-Claude Juncker, Candidate for President of the European Commission", p. 7; http://www.eesc.europa.eu/resources/docs/jean-claude-juncker---political-guidelines.pdf.

demografiku u l-livell għoli ta' mobilità tal-ħaddiema fis-settur tat-trasport;

17. Jiġbed l-attenzjoni għal għadd ta' każijiet ta' kompetizzjoni inġusta fis-settur tat-trasport, li sikwit ikunu askaptu tal-intrapriżi żgħar tat-trasport; ifakkar li l-kompetizzjoni inġusta tista' tikkontribwixxi għad-degradazzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol; jistieden lill-awtoritajiet responsabbli jippenalizzaw kwalunkwe mġiba ħażina f'dan ir-rigward b'mod adegwat;

18. Jenfasizza li l-istandards tax-xogħol u tal-impjieg ma jridux jiġu evitati permezz tas-sottokuntrattar; iħeġġeġ lill-Istati Membri jissorveljaw is-sitwazzjoni, isaħħu, fejn meħtieġ, il-liġijiet dwar l-obbligazzjoni in solidum, u jiżguraw l-implimentazzjoni u l-infurzar adegwati tar-regolamenti eżistenti;

19. Jilqa' l-mudelli dwar ħinijiet tax-xogħol flessibbli nnegozjati mis-sħab soċjali fis-settur tat-trasport li jippermettu li l-ħaddiema jirrikonċiljaw aħjar il-ħajja tax-xogħol u dik privata; jenfasizza, madankollu, l-importanza tal-monitoraġġ tal-konformità mar-regoli obbligatorji dwar il-ħinijiet tax-xogħol, u l-ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ, li għandu jsir aktar faċli grazzi għad-diġitalizzazzjoni tas-settur tat-trasport;

20. Jenfasizza l-importanza partikolari tal-SMEs li joperaw fis-settur tat-trasport fi bliet żgħar, f'reġjuni li diffiċli li jiġu aċċessati u fil-periferiji ta' żoni urbani kbar fil-provvediment tat-trasport għall-persuni li jivvjaġġaw għax-xogħol jew li jivvjaġġaw lejn l-iskejjel, partikolarment meta s-sistema tat-trasport pubbliku ma tkunx qed tiffunzjona tajjeb;

21. Jenfasizza l-importanza li l-ħaddiema tat-trasport ikunu profiċjenti fil-ħiliet tax-xogħol tas-seklu 21 — bħall-ħiliet diġitali, ix-xogħol f'tim, il-ħsieb kritiku u s-soluzzjoni tal-problemi — sabiex ilaħħqu mat-trasformazzjonijiet u l-iżviluppi teknoloġiċi fis-settur; jenfasizza li l-fattur ewlieni għall-adattament u t-trasformazzjoni soċjalment sostenibbli fis-settur tat-trasport huwa t-taħriġ tal-impjegati; jistieden lis-sħab soċjali, kif ukoll l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ, biex jiżviluppaw programmi edukattivi u strateġiji ta' ħiliet relatati għall-intrapriżi ż-żgħar tat-trasport; iqis li huwa l-kompitu ta' min jimpjega li jiffamiljarizza lill-impjegati kif xieraq mat-teknoloġiji l-ġodda bħalma huma l-applikazzjonijiet tal-IT u dawk ta' traċċar; jenfasizza li, fil-każ ta' kuntratti temporanji, l-aġenzija li tipprovdi l-persunal jeħtiġilha tħejjihom u tħarriġhom b'mod xieraq;

22. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu mudelli tal-ekonomija soċjali fis-settur tat-trasport u jwettqu skambju tal-aħjar prattiki f'dan ir-rigward, peress li l-intrapriżi soċjali wrew li huma aktar reżiljenti fi żminijiet ta' kriżi ekonomika minn mudelli kummerċjali oħrajn;

23. Jistieden lill-Kummissjoni tiġbor data affidabbli dwar l-ekonomija kollaborattiva fis-settur tat-trasport u tistudja l-impatt fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 26.9.2016 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 35<br>–: 2<br>0: 9 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Laura Agea, Tim Aker, Guillaume Balas, Brando Benifei, Mara Bizzotto, Enrique Calvet Chambon, David Casa, Ole Christensen, Martina Dlabajová, Lampros Fountoulis, Elena Gentile, Arne Gericke, Thomas Händel, Marian Harkin, Danuta Jazłowiecka, Agnes Jongerius, Ádám Kósa, Kostadinka Kuneva, Jean Lambert, Jérôme Lavrilleux, Jeroen Lenaers, Verónica Lope Fontagné, Javi López, Morten Løkkegaard, Dominique Martin, Elisabeth Morin-Chartier, Emilian Pavel, João Pimenta Lopes, Georgi Pirinski, Marek Plura, Sofia Ribeiro, Maria João Rodrigues, Anne Sander, Jutta Steinruck, Ulrike Trebesius, Marita Ulvskog, Renate Weber, Tatjana Ždanoka, Jana Žitňanská |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Georges Bach, Rosa D'Amato, Rosa Estaràs Ferragut, Tania González Peñas, Sergio Gutiérrez Prieto, Flavio Zanonato, Gabriele Zimmer |